# PARROĊĊA SANT'ANNA WIED IL-GĦAJN
# AVVIŻI 27 TA' OTTUBRU 2019

**Il-Griżma tal-Isqof**
Illum is-Sibt u għada l-Ħadd ser niċċelebraw il-Griżma tal-Isqof. Is-Sibt il-Griżma tibda fl-4:00pm u l-Ħadd tibda fl-10:30am. Illum is-Sibt ma jkunx hawn quddiesa tal-5.15pm imma jkun hawn tas-6.30pm u tat-8.00pm fil-Knisja Parrokkjali. Għada l-Ħadd ma jkunx hawn quddiesa tal-11:30am. Ikun hemm tal-11:00am bl-Ingliż fil-Kappella tal-Madonna tar-Rużarju fil-Villa Apap Bologna.

**Ħin tax-Xitwa**
Issa li jaqleb il-ħin tax-xitwa, ir-Rużarju jibda jingħad fil-5:30pm u l-quddiesa ta' filgħaxija mit-Tnejn sal-Ġimgħa tkun fis-6:00pm. Il-Quddies tas-Sibt u l-Ħadd jibqa' l-istess matul is-sena kollha.

**Adorazzjoni tal-Ħniena Divina**
It-Tnejn 28 ta' Ottubru 2019 wara l-quddiesa tas-6:00pm jkollna l-Adorazzjoni tal-Ħniena Divina.

**Laqgħa għall-persuni b'diżabilità u l-carers tagħhom**
It-Tnejn 28 ta' Ottubru 2019 fis-6:00pm, se tiġi organizzata laqgħa għall-persuni b'diżabilità u l-*carers* tagħhom fiċ-Ċentru Edukattiv tal-Kunsill Lokali Triq il-Kappara.

**Tberik tal-Familji**
It-Tlieta 29 ta' Ottubru 2019 fl-4:30pm inkomplu bit-tberik tal-familji fi **Triq Salvu Buhagiar**.

**Solennità tal-Qaddisin Kollha**
Il-Ħamis 31 ta' Ottubru 2019 flimkien mal-Appostli u d-Dixxipli Franġiskani se niċċelebraw il-Festa tal-Qaddisin Kollha. Fis-7:30pm nibdew b'quddiesa fis-Sala Sant'Anna u wara *party* u logħob għat-tfal flimkien mal-familja tagħhom. **Inħeġġu**

**lit-tfal jiġu libsin tal-Qaddis favorit tagħhom!**

Il-Ġimgħa 1 ta’ Novembru 2019 niċċelebraw is-Solennità tal-Qaddisin Kollha. Tajjeb li nqaddsu dan il-jum bis-smigħ tal-Quddies li jkun bħal ta’ fost il-ġimgħa.

**Tifkira tal-Mejtin Kollha**
Is-Sibt 2 ta’ Novembru 2019 hija t-tifkira tal-għeżież tagħna mejtin u l-Ewwel Ġimgħa tax-xahar. Il-Quddies ikun kull nofs siegħa mis-6:30am sat-8:30am. Filgħaxija jkollna tal-5.15pm, tas-6:30pm, wara adorazzjoni quddiem Ġesù Ewkaristija u fit-8:00pm tkun għall-mejtin kollha li mietu matul din is-sena.

**Magħmudija Komunitarja**
Il-Ħadd 3 ta’ Novembru 2019 issir il-Magħmudija bil-Quddiesa li tibda fl-10:15am.

**Quddiesa u mument ta’ talb fil-Kappella tal-Madonna tal-Midalja Mirakuluża**
Il-Ħadd 3 ta’ Novembru 2019, flimkien mal-oqsma tal-Museum qed norganizzaw Quddiesa u mument ta’ talb fil-Kappella tal-Blata l-Bajda fejn insibu l-fdalijiet ta’ San Ġorġ Preca. Tluq minn quddiem is-Sala Sant’Anna fit-3:30pm u nkunu lura fis-6:00pm. Inħeġġukom sabiex nattendu u min jixtieq jitla’ magħna bit-trasport jikteb ismu fis-sagristija.

**Ħarġa lejn il-kultura Għawdxija**
It-Tnejn 4 ta’ Novembru 2019 qed norganizzaw ħarġa għal Għawdex. Nitilqu minn fejn is-Sala Sant’Anna fis-6:45am, fid-9:00am Quddiesa fil-Knisja Parrokkjali ta’ Għajnsielem, inżuru l-*food village* fix-Xewkija, t-tempji tal-Ġgantija u l-Mitħna ta’ Kola fix-Xagħra. Importanti li jkollna l-Heritage Passport li tista’ tapplika għalih mill-uffiċċini tal-Kunsill Lokali. Biljetti mis-sagristija jew mill-Uffiċċju Parrokkjali.

**Assemblea Parrokkjali 2019**
L-Erbgħa 6 u l-Ġimgħa 8 ta’ Novembru 2019 fil-Parroċċa tagħna għandna l-Assemblea Parrokkjali li hija avveniment importanti fil-ħajja tal-Parroċċa tagħna. Ejjew nieħdu sehem biex bħala familja waħda sabiex napprezzaw is-sabiħ tal-ħidma ta’ xulxin u nirriflettu fuq dak li nixtiequ fil-Parroċċa tagħna. Nistednukom

għall-quddiesa tas-6:00pm u wara ninżlu fis-Sala Sant'Anna għal ħin ta' kafe' u wara laqgħa bit-tema: "**Il-Parroċċa: Knisja li tilqa', li tisma', li takkumpanja u li toħroġ**". Nixtiequ narawkom matul il-jumejn tal-Assemblea Parrokkjali.

**Weekend Irtir għall-Adolexxenti u ż-Żgħażagħ**

Mill-Ġimgħa 15 sal-Ħadd 17 ta' Novembru 2019 qed jiġi organizzat weekend irtir għall-adolexxenti u ż-żgħażagħ bl-isem 'Connect', ġewwa s-Seminarju tal-Arċisqof, ir-Rabat, bi tħejjija għall-Avvent. Min huwa interessat jista' jieħu karta ta' applikazzjoni mis-sagristija jew ikellem lil xi ħadd minna s-saċerdoti jew leaders ta' Youths Marsaskala.

**Bazaar**

Fis-Sala San Ġwakkin qed jitella' l-Bazaar tal-Parroċċa. Inħeġġiġkom sabiex tagħtu titwila.

**Fuljett 'Flimkien'**

Wasal il-fuljett *Flimkien* għax-xahar ta' Novembru 2019. Nitolbu lid-distributuri biex jiġbru l-kopji tagħhom mis-sagristija, waqt li nirringrazzjawhom tas-servizz li qed jagħtuna.